

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1290/2008

tat-18 ta' Diċembru 2008

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) ► **M2 ————— ◀ bħala addittiv fl-għalf**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 340, 19.12.2008, p. 20)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 899/2009 tal-25 ta' Settembru 2009	L 256	11	29.9.2009
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1334/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013	L 335	12	14.12.2013



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1290/2008

tat-18 ta' Diċembru 2008

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) ►M2 ————— ◀ bħala addittiv fl-ġhalf

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimint tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri biex tingħata din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni kif stipulat fl-Anness. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa mill-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni ġdida ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore), bħala addittiv fl-ġhalf għall-ħnienes, li għandhom jiġu klassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki".
- (4) Mill-Opinjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ('l-Awtorità) tal-15 ta' Lulju 2008⁽²⁾ jirriżulta li, fuq il-bażi tad-dejta pprovduta mill-manifattur, preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore) ma tħallix effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u hija effikaċi fit-titjib taż-żieda fil-piż. Barra minn hekk l-Awtorità kkonkludiet li din il-preparazzjoni tista' tkun sensibilizzatur respiratorju potenzjali. L-Awtorità ma tqisx li hemm il-ħtieġa għal rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-ġhalf fl-ġhalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Skont dan, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Addittivi u l-Prodotti jew Sustanzi użati fl-Ġhalf tal-Annimali (FEEDAP) fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott Sorbiflore, preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* u *Lactobacillus farciminis*, bħala addittiv fl-ġhalf għall-ħnienes Il-Ġurnal EFSA (2008) 771, 1-13.

▼B

- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi żootekniċi oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrimint tal-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv (Isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						FU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniki. Grupp funzjonali: addittivi żootekniki oħra (li jtejbu ż-żieda fil-piż)									
"4d2	►M2 Danisco (UK) Ltd ◀	<i>Lactobacillus rhamnosus</i> CNCM-I-3698 u <i>Lactobacillus farciminis</i> CNCM-I-3699 ►M2 ◀	Kompożizzjoni tal-addittiv: Preparazzjoni ta' <i>Lactobacillus rhamnosus</i> CNCM-I-3698 u <i>Lactobacillus farciminis</i> CNCM-I-3699 b'konċentrazzjoni minima ta' 1×10^8 FU ⁽¹⁾ /g (proporzjon 1:1) Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Bijomassa mikrobika u l-mezz tal-fermentazzjoni tal-ħalib ta' <i>Lactobacillus rhamnosus</i> CNCM-I-3698 u <i>Lactobacillus farciminis</i> CNCM-I-3699 Metodu analitiku ⁽²⁾ Teknika ta' filtrazzjoni diretta u epifloressenti (DEFT) li tuża żebgħa xierqa biex ittebba' iċ-ċelloli metabolikament attivi bħala unitajiet fluworexxenti (FU)	Ħnienes	—	5×10^8	9×10^8	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlit minn qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jidum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting. ►M2 2. Id-doża rakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf komplet: 5×10^8 FU. ◀ 3. Għas-sikurezza: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ngwanti għandhom jintużaw waqt l-immaniġġjar.	8.1.2019

(1) FU: unitajiet fluworexxenti.

(2) Dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives